

### Flimkien mar-rimborż finanzjarju il-familji ser ikunu qegħdin jibbenefikaw minn pakkett ta' servizzi bħalma huma:

- 24 siegħa ta' servizz *on-call.*
- Taħriġ kemm fil-bidu kif ukoll matul iż-żmien li jkunu qed joffru servizz lil dawn it-tfal jew żgħażagħ.
- Perjodi ta' *respite* meta jkun meħtieġ.
- **Ħaddiema Soċjali li jkunu qiegħdin joffru superviżjoni u jitkellmu f'isem il-familji meta jkun hemm il-ħtieġa.**
- L-involviment tal-Ħaddiema Soċjali li jkunu qegħdin isegwu lit-tfal jew żgħażagħ.
- Sapport prattiku u emozzjonali lill-membri oħra tal-familja li jgħixu fl-istess residenza.
- Għajnuna f'każ li jsiru allegazzjonijiet fuq il-membri tal-familja min-naħa tat-tfal jew **żgħażagħ li ser ikunu qegħdin jibbenefikaw minn dan is-servizz.**
- Għajnuna fl-aċċess għas-servizzi meħtieġa.

### Fejn nista' nċempel għal aktar informazzjoni dwar dan is-servizz?

Jekk, b'xi mod, interessakom is-servizz u/jew tixtiequ tkunu tafu aktar, aħna lesti nitkellmu magħkom meta jkun konvenjenti għalikom. Jekk għadkom m'intomx ċerti, meta tagħmlu l-ħsieb tistgħu tibagħtu email fuq outofhome.appogg@gov.mt jew iċċemplu fuq: 2702 8700 u aħna nagħmlu kuntatt magħkom. Aktar informazzjoni tinsab ukoll fis-sit www.appogg.gov.mt.



**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

**Aġenzija APPOĠĠ**
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

**Aġenzija SAPPORT**
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt



# Servizz ta' Trobbija Speċjalizzata

**Dan is-servizz huwa parti mill-*Out of Home Care Programme* li jinkludi wkoll:**

**Servizz li bih tfal li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-addozzjoni jingħataw din l-opportunità.**

**Servizz fejn l-Aġenzija Appoġġ tagħti appoġġ lid-djar residenzjali għal tfal u żgħażagħ sabiex dawn is-servizzi jkunu aktar parti integrali fil-komunità.**

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## Fiex jikkonsisti s-servizz ta' Trobbija Speċjalizzata?

Dan is-servizz ser ikun qiegħed ifittex familji li lesti joffru servizz ta' trobbija speċjalizzata lil tfal jew żgħażagħ li joffru ċerta sfidi u li s'issa ma kellhomx l-opportunità li jgħixu jew f'familja li tieħu ħsiebhom jew ġewwa faċilità residenzjali li tilħaq il-bżonnijiet tagħhom.
L-esperjenza għallmitna li:

- **ħafna drabi t-trobbija tat-tfal tkun aktar effettiva meta jkunu f'ambjent ta' familja milli meta jkunu f'faċilità residenzjali minħabba l-attenzjoni individwali li jingħataw.**
- hu diffiċli ħafna li tfal bi problemi fl-imġiba li ma jistgħux jgħixu mal-familja tagħhom, speċjalment dawk li għandhom 7 snin u fuqhom, jinstabulhom familji li jistgħu jieħdu ħsiebhom.
- biex familja tkun tista' trabbi lil dawn it-tfal ikollha bżonn pakkett ta' servizzi biex jistgħu jipprovdu sapport adekwat.





## Kif jien u l-familja tiegħi nistgħu nagħtu sehemna?

Kulħadd għandu l-opportunità li japplika sabiex ikun parti minn dan is-servizz. Kull min japplika jiġi mistieden jattendi t-taħriġ neċessarju. Kemm waqt dan it-taħrig, kif ukoll waqt laqgħat u żjarat li jsiru wara, ikun hemm evalwazzjoni tal-ħiliet tal-applikanti biex jipprovdu din it-tip ta' trobbija. Fi tmiem ta' dan il-proċess issir rakkomandazzjoni lill-Bord tal-Fostering sabiex jekk ikollhom il-ħiliet meħtiega, jiġu rikonoxxuti bħala familji li jistgħu jagħtu trobbija speċjalizzata lil dawn it-tfal u żgħażagħ.

## X'tip ta' kwalitajiet tajjeb li jkollna bħala familja jekk aħna interessati li nidħlu għal dan l-impenn?

Importanti li l-familja:

- tkun ġenwinament tħobb u tixtieq tkun parti mill-ħajja ta' dawn it-tfal u żgħażagħ u li tibqa' turi sens ta' entużjażmu anke meta xi drabi jinqalgħu xi problemi.
- tifhem li xi drabi dawn it-tfal u żgħażagħ jistgħu jigdbu, jisirqu jew anke jesibixxu mġiba sesswali.
- jaċċettaw il-fatt li f'darhom jista' ma jkunx hemm l-ordni li normalment il-membri tal-familja jkunu draw biha.
- tkun kunfidenti li r-relazzjoni bejn l-istess membri tal-familja, familja estiża u ħbieb, hi b'saħħitha biżżejjed li tiflaħ għal ċertu pressjoni li ser iġibu magħhom dawn it-tfal u żgħażagħ.



## Servizzi ta' sapport

Jingħata *Child in Care Benefit* kif ukoll għajnuna finanzjarja addizzjonali li tiġi determinata skont il-ħtiġijiet u l-livell ta' kura meħtieġa mit-tifel jew tifla li jkunu qed jieħdu ħsieb.